SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

7 ta' Ottubru 2015 *

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji verbali ΧΑΛΛΟΥΜΙ u HALLOUMI — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Fil-Kawżi magħquda T-292/14 u T-293/14,

Ir-Repubblika ta' Ċipru, irrappreżentata minn S. Malynicz, barrister, u V. Marsland, solicitor,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn P. Geroulakos, bħala aġent,

konvenut,

li għandhom bħala suġġett żewġ rikorsi kontra żewġ deċiżjonijiet tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta' Frar 2014 (Każ R 1849/2013-4 u Każ R 1503/2013-4), dwar talbiet għal reġistrazzjoni, rispettivament, tas-sinjal verbali ΧΑΛΛΟΥΜΙ u tas-sinjal verbali HALLOUMI bħala trade marks Komunitarji,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Prek (Relatur), President, I. Labucka u V. Kreuschitz, Imħallfin,

Reġistratur: I. Dragan, Amministratur,

wara li rat ir-rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' April 2014,

wara li rat ir-risposta ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Settembru 2014,

wara li rat id-digriet tat-28 ta' Awwissu 2014 li jgħaqqad il-kawżi T-292/14 u T-293/14 għall-finijiet tal-fażi bil-miktub tal-proċedura, tal-fażi orali tal-proċedura u tas-sentenza,

wara s-seduta tal-20 ta' Mejju 2015,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fit-13 u fil-15 ta' Frar 2013, ir-rikorrenti, ir-Repubblika ta' Ċipru, ippreżentat żewġ applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

2 It-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni huma s-sinjali verbali HALLOUMI u ΧΑΛΛΟΥΜΙ.

3 Il-prodotti li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jinsabu fil-klassi 29 tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irrivedut u emendat, u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni segwenti, jiġifieri: "Ġobon; ħalib u prodotti tal-ħalib".

4 Fl-1 u fl-14 ta' Marzu 2013, l-eżaminatur tal-UASI informa lir-rikorrenti li huwa jqis li s-sinjali inkwistjoni ma setgħux jiġu ammessi għar-reġistrazzjoni minħabba fl-eżistenza ta' raġunijiet assoluti għal rifjut previsti fl-Artikolu 7(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

5 Permezz tal-ittri tas-26 ta' April u tal-14 ta' Mejju 2013, ir-rikorrenti ppreżentat l-argumenti tagħha kontra l-pożizzjoni adottata mill-eżaminatur.

6 Permezz tad-deċiżjonijiet tal-21 ta' Ġunju u tal-24 ta' Lulju 2013, l-eżaminatur ċaħad l-applikazzjonijiet għal trade marks Komunitarji abbażi tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

7 Fit-2 ta' Awwissu u fl-20 ta' Settembru 2013, ir-rikorrenti ppreżentat żewġ appelli quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009, kontra d-deċiżjonijiet tal-eżaminatur.

8 Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tad-19 ta' Frar 2014 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet appellati"), ir-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad dawn l-appelli. Huwa qies, minn naħa, li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienu deskrittivi tal-prodotti inkwistjoni, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, u, min-naħa l-oħra, li ma humiex ta' karattru distintiv, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tal-istess regolament.

9 L-ewwel nett, huwa enfasizza li t-termini bl-ittri kapitali "HALLOUMI" u "ΧΑΛΛΟΥΜΙ" kienu jirrigwardaw speċjalità ta' ġobon minn Ċipru u kienu jiddeskrivu għalhekk direttament, minn tal-inqas f'għajnejn il-pubbliku Ċiprijott, it-tip u l-oriġini ġeografika tal-ġobon, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Huwa b'hekk qies li l-perċezzjoni tal-pubbliku anglofonu, skont liema l-Oxford English Dictionary (online) kien jiddefinixxi t-terminu "halloumi" (miktub b'ittri latini) bħala trade mark irreġistrata (isem il-proprjetarju), kienet nieqsa mir-rilevanza. Għal dak li jirrigwarda t-terminu bl-ittri kapitali "ΧΑΛΛΟΥΜΙ", huwa qies li l-konsumatur Ingliż medju ma kienx jista' jaqra l-alfabet Grieg. It-tieni nett, il-Bord tal-Appell ifakkar li, peress li r-Regolament Nru 207/2009 ma jipprovdix għar-reġistrazzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni, dawn it-trade marks kellhom jiġu ppreżentati bħala trade marks individwali u setgħu biss jiġu rreġistrati fil-każ li l-ebda raġuni assoluta għal rifjut imsemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009 ma setgħet tiġi invokata. Huwa enfasizza f'dan ir-rigward li ċ-ċaħda tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni mill-eżaminatur kienet fondata fuq is-sinjifikat deskrittiv tat-termini bl-ittri kapitali "HALLOUMI" u "ΧΑΛΛΟΥΜΙ" u mhux fuq il-fatt li r-rikorrenti kienet implementat mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni taħt dawn il-kliem. It-tielet nett, huwa qies li l-fatt li s-sinjali INTEL INSIDE u FAIRTRADE kienu ġew irreġistrati bħala trade marks Komunitarji individwali u li issa kienu s-suġġett

ta' liċenzja sabiex jiġu nnotifikati l-karatteristiċi tal-prodotti u tas-servizzi ma seta' jkollu l-ebda impatt fil-każ ineżami. Ir-raba' nett, huwa qies li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, peress li kienu jiddeskrivu l-karatteristiċi tal-prodotti msemmija mill-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni tat-trade marks, kienu neċessarjament nieqsa mill-karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

It-talbiet tal-partijiet

10 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjonijiet appellati;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

11 L-UASI jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikorsi;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

12 Insostenn tar-rikorsi tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009. Għalhekk għandu jiġi eżaminat qabel kollox dan il-motiv wieħed sa fejn huwa jsemmi l-ksur tal-Artikolu 7(1)(c) ta' dan ir-regolament.

13 Skont l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, għandha tiġi rrifjutata, ir-reġistrazzjoni ta' trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw fil-kummerċ sabiex jindikaw ix-xorta, il-kwalità, il-kwantità, l-użu intenzjonat, il-valur, l-oriġini ġeografika jew il-ħin ta' produzzjoni tal-prodotti jew ta' meta ngħata s-servizz, jew karatteristiċi oħrajn tal-prodotti jew servizzi. Barra dan, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi li l-paragrafu 1 tiegħu għandu japplika minkejja li r-raġunijiet li jwasslu biex trade mark ma tiġix reġistrata japplikaw biss f'parti tal-Unjoni Ewropea.

14 Is-sinjali u l-indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 huma dawk li jistgħu jservu, fl-użu normali mill-perspettiva tal-pubbliku kkonċernat, biex jindikaw, jew direttament, jew billi tissemma' waħda mill-karatteristiċi essenzjali, il-prodott jew is-servizz li għalih saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni [sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001, Procter & Gamble vs UASI, C-383/99 P, Ġabra, EU:C:2001:461, punt 39, u tat-22 ta' Ġunju 2005, Metso Paper Automation vs UASI (PAPERLAB), T-19/04, Ġabra, EU:T:2005:247, punt 24].

15 Minn dan jirriżulta li, sabiex sinjal jaqa' taħt il-projbizzjoni stabbilita b'din id-dispożizzjoni, jeħtieġ li huwa jkollu rabta diretta u konkreta biżżejjed mal-prodotti jew mas-servizzi inkwistjoni b'tali mod li l-pubbliku kkonċernat ikun jista' jipperċepixxi immedjatament, u mingħajr ebda riflessjoni oħra, deskrizzjoni tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni jew ta' waħda mill-karatteristiċi tagħhom [sentenzi PAPERLAB, punt 14 iktar 'il fuq, EU:T:2005:247, punt 25, u tat-30 ta' Novembru 2011, Hartmann vs UASI (Kompleta), T-123/10, EU:T:2011:706, punt 21].

16 Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-karattru deskrittiv ta' sinjal tista' biss issir, minn naħa, abbażi tar-relazzjoni mal-prodotti u mas-servizzi kkonċernati u, min-naħa l-oħra, permezz ta' kif jifhimha l-pubbliku rilevanti [sentenzi tas-16 ta' Marzu 2006, Telefon & Buch vs UASI – Herold Business Data (WEISSE SEITEN), T-322/03, Ġabra, EU:T:2006:87, punt 90, u tal-15 ta' Jannar 2015, MEM vs UASI (MONACO), T-197/13, Ġabra, EU:T:2015:16, punt 50].

17 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tal-partijiet dwar l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell fid-deċiżjonijiet appellati.

18 Fl-ewwel lok, kif inhuwa indikat fil-punt 13 tad-deċiżjonijiet appellati, il-prodotti inkwistjoni huma intiżi għall-pubbliku inġenerali, fatt li, barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti. Hemm ukoll lok li jiġi approvat il-metodu tal-Bord tal-Appell – barra minn hekk mhux ikkontestat mir-rikorrenti – li jirreferi għall-pubbliku Ċiprijott sabiex iwettaq l-analiżi tiegħu tal-karattru deskrittiv tat-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

19 Fil-fatt, il-Bord tal-Appell, ġustament, b'applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009, jevalwa r-raġuni assoluta għal rifjut b'relazzjoni mal-pubbliku Ċiprijott biss. Kif huwa enfasizza fil-punt 11 tad-deċiżjoni appellata fil-Kawża T-292/14, il-kliem bl-ittri kapitali "ΧΑΛΛΟΥΜΙ" huwa miktub bl-alfabet Grieg u l-istabbiliment tal-karattru reġistrabbli tiegħu jista' jitwettaq b'relazzjoni mal-pubbliku Ċiprijott, li fil-konfronti tiegħu l-alfabet Grieg huwa użat bħala l-alfabet standard. Bl-istess mod, fir-rigward tat-termini bl-ittri kapitali "HALLOUMI" u "ΧΑΛΛΟΥΜΙ", ir-rikorrenti tammetti li dawn jiddeskrivu speċjalità ta' ġobon minn Ċipru. Din ir-raġuni hija biżżejjed sabiex tiġġustifika wkoll li, fil-Kawża T-293/14, il-Bord tal-Appell irrefera biss għall-pubbliku Ċiprijott sabiex jevalwa r-raġuni assoluta għal rifjut.

20 Fit-tieni lok, il-Bord tal-Appell qies li t-termini bl-ittri kapitali "HALLOUMI" u "ΧΑΛΛΟΥΜΙ" jiddeskrivu speċjalità ta' ġobon minn Ċipru u kienu jiddeskrivu għalhekk direttament, minn tal-inqas f'għajnejn il-pubbliku Ċiprijott, it-tip u l-oriġini ġeografika tal-ġobon, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni (punt 14 tad-deċiżjonijiet appellati).

21 Din il-konklużjoni għandha tiġi approvata. Hija fil-fatt hi kkonfermata mir-rikorrenti stess fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha. Din tenfasizza li t-termini bl-ittri kapitali "HALLOUMI" u "ΧΑΛΛΟΥΜΙ" jindikaw tip partikolari ta' ġobon esportat minn Ċipru, prodott b'ċertu mod u li għandu togħma, struttura u proprjetajiet kulinari partikolari.

22 Fl-istess sens, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali diġà qieset li l-kelma bl-ittri kapitali "HALLOUMI" tirreferi għal ġobon speċjali Ċiprijott u li dan it-terminu kien jiddeskrivi dan il-prodott [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2012, Organismos Kypriakis Galaktokomikis Viomichanias vs UASI – Garmo (HELLIM), T-534/10, Ġabra, EU:T:2012:292, punti 41 u 55].

23 Matul is-seduta, ir-rikorrenti kkontestat din l-interpretazzjoni fis-sentenza HELLIM, punt 22 iktar 'il fuq (EU:T:2012:292), billi sostniet li, fil-punt 41 ta' din tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali ma kinitx iddeċidiet dwar il-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti HALLOUMI, iżda kienet biss wettqet evalwazzjoni tal-kelma Griega maqluba għat-Tork, kienet ikkonstatat biss li t-traduzzjoni Torka tat-terminu "halloumi" kienet "hellim" u l-konsumaturi kienu jafu li dawn iż-żewġ termini kienu jirreferu għall-istess prodott. Ir-rikorrenti sostniet ukoll li, fil-punt 52 tas-sentenza HELLIM, punt 22 iktar 'il fuq (EU:T:2012:292), il-Qorti Ġenerali kienet irrikonoxxiet li t-trade mark preċedenti HALLOUMI kellha karattru distintiv.

24 Dawn l-argumenti għandhom għaldaqstant jiġu miċħuda bħala ineffettivi. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tosserva li r-rikorrenti ma tikkontestax il-fatt li t-terminu bl-ittri kapitali "HALLOUMI" huwa deskrittiv tal-prodott inkwistjoni, jiġifieri li huwa ġobon speċjali Ċiprijott, kif dan barra minn hekk ġie deċiż fil-punt 55 tas-sentenza HELLIM, punt 22 iktar 'il fuq (EU:T:2012:292).

25 Issa, fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark, għandu jitfakkar li sinjal li għandu karattru deskrittiv, fis-sens stabbilit fl-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, huwa, mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tat-tielet paragrafu ta' dan l-artikolu, nieqes mill-karattru distintiv fir-rigward ta' dawk il-prodotti jew servizzi [ara s-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2011, Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI, C-51/10 P, Ġabra, EU:C:2011:139, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-11 ta' Mejju 2005, Naipes Heraclio Fournier vs UASI – France Cartes (Xabla tal-logħob tal-karti), T-160/02 sa T-162/02, Ġabra, EU:T:2005:167, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata].

26 Madankollu r-rikorrenti ma invokatx l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009, lanqas ma pprovat li s-sinjal tagħha kien kiseb, għall-prodotti inkwistjoni, karattru distintiv wara l-użu li kien sar minnu fis-sens tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq.

27 Il-fatt li, fis-sentenza HELLIM, punt 22 iktar 'il fuq (EU:T:2012:292), il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, insegwitu għal kontestazzjoni li tirrigwarda l-probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks HALLOUMI u HELLIM, li t-trade mark Komunitarja kollettiva verbali preċedenti HALLOUMI kellha livell baxx ta' karattru distintiv – kif barra minn hekk timponi fuqha l-ġurisprudenza (ara s-sentenza tal-24 ta' Mejju 2012, Formula One Licensing vs UASI, C-196/11 P, Ġabra, EU:C:2012:314, punt 47) –, ma jikkontestax l-evalwazzjoni li tinsab fil-punt preċedenti. Fil-fatt, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali tosserva, f'din is-sentenza, l-assenza tal-karattru distintiv partikolari tat-trade mark HALLOUMI u l-karattru deskrittiv tagħha (sentenza HELLIM, punt 22 iktar 'il fuq, EU:T:2012:292, punt 55). Għalhekk, il-konstatazzjoni li t-trade mark Komunitarja kollettiva verbali HALLOUMI tippreżenta karattru distintiv dgħajjef hija insuffiċjenti sabiex tiġġieled il-karattru deskrittiv tal-imsemmija trade mark. It-tieni nett, ma jidhirx fis-sentenza inkwistjoni li l-livell baxx ta' karattru distintiv kien inkiseb bl-użu kif inhuwa meħtieġ fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

28 Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, hemm lok li jiġi ammess li s-sinjifikat deskrittiv tas-sinjal HALLOUMI, kif ikkonstatat mill-Bord tal-Appell, huwa stabbilit, minn tal-inqas, għall-pubbliku Ċiprijott. Għal raġunijiet identiċi, l-istess konklużjoni tista' tiġi misluta fir-rigward tas-sinjal ΧΑΛΛΟΥΜΙ.

29 Minn dan isegwi li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta qies li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma setgħux jintlaqgħu għal reġistrazzjoni minħabba fis-sinjifikat deskrittiv tal-prodotti li minħabba fihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, minn tal-inqas, f'għajnejn il-pubbliku Ċiprijott.

30 Ir-rikorrenti tqajjem ħames ilmenti intiżi li jikkontestaw dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Fuq l-ewwel ilment, skont liema r-Regolament Nru 207/2009 ma jeskludix it-trade marks ta' ċertifikazzjoni

31 Ir-rikorrenti ssostni li r-Regolament Nru 207/2009 jippermetti r-reġistrazzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni li jissodisfaw il-kriterji tat-trade marks Komunitarji. Hija tikkritika lill-Bord tal-Appell talli ma semmiex li r-Regolament Nru 207/2009 ma kienx jipprojbixxi li jkunu rreġistrati, bħala trade marks Komunitarji ordinarji, l-imsemmija trade marks ta' ċertifikazzjoni, li huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-imsemmi regolament.

32 L-UASI jsostni li t-trade marks ta' ċertifikazzjoni jistgħu jiġu rreġistrati bħala trade marks Komunitarji individwali fil-każ li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009.

33 Minn naħa, għandu jiġi osservat li, fil-punt 16 tad-deċiżjonijiet appellati, il-Bord tal-Appell enfasizza li trade mark ma tistax tiġi rrifjutata minħabba l-fatt li kienet użata bħala trade mark ta' ċertifikazzjoni. Huwa madankollu jispeċifika li, peress li r-Regolament Nru 207/2009 ma jipprovdix għar-reġistrazzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni, dawn għandhom jiġu ppreżentati bħala trade marks individwali u jistgħu biss jiġu rreġistrati fil-każ li l-ebda raġuni assoluta għal rifjut imsemmija fl-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament ma tista' tiġi invokata.

34 B'dan il-mod, il-Bord tal-Appell enfasizza espressament li t-trade marks ta' ċertifikazzjoni setgħu jiġu rreġistrati bħala trade marks Komunitarji sakemm ma kienx hemm raġunijiet assoluti fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009, li jfixxklu r-reġistrazzjoni tagħhom. L-argument tar-rikorrenti skont liema l-Bord tal-Appell ma semmiex li r-Regolament Nru 207/2009 ma kienx jipprojbixxi r-reġistrazzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni ma jistax, fi kwalunkwe każ, jintlaqa'.

35 Minn naħa l-oħra, ġustament l-UASI jenfasizza li r-Regolament Nru 207/2009 ma jipprovdix għall-protezzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni. Huwa jipprovdi biss għall-protezzjoni tat-trade marks Komunitarji individwali jew kollettivi.

36 Fil-każ ineżami, ir-rikorrenti ppreżentat żewġ talbiet għal informazzjoni ta' trade marks individwali u huwa fid-dawl tal-kriterji previsti fir-Regolament Nru 207/2009, fost dawk elenkati fl-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament li kienu ġew eżaminati dawn it-talbiet għal informazzjoni tat-trade marks individwali.

37 Minn dan isegwi li l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni ilment, ibbażat fuq l-applikazzjoni tal-kriterji żbaljati għall-evalwazzjoni tal-karattru deskrittiv tat-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni

38 Ir-rikorrenti ssostni li, mis-sena 1992, hija proprjetarja tat-trade marks nazzjonali ta' ċertifikazzjoni, jiġifieri t-trade marks HALLOUMI u ΧΑΛΛΟΥΜΙ, u li, minn tal-inqas minn dik is-sena, il-konsumaturi Ċiprijotti jqisu s-sinjali inkwistjoni bħala trade marks ta' ċertifikazzjoni li jiggarantixxu l-osservanza tal-istandards kollha speċifikati stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet.

39 L-UASI jirribatti li r-rifjut tat-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni huwa bbażat fuq il-karattru deskrittiv tat-trade marks individwali u mhux fuq il-kriterji marbuta mat-trade marks ta' ċertifikazzjoni u josserva li r-rikorrenti tammetti hija stess li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jiddeskrivu t-tip u l-oriġini tal-prodotti.

40 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti tirrikonoxxi li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienu minn dejjem meqjusa mill-konsumaturi Ċiprijotti u minn dawk kollha fl-Unjoni bħala li jiddeskrivu tip partikolari ta' ġobon esportat minn Ċipru, prodott b'ċertu mod u li għandu togħma, struttura u proprjetajiet kulinari partikolari.

41 Il-Bord tal-Appell għalhekk ma wettaq l-ebda żball ta' evalwazzjoni meta enfasizza, fil-punt 14 tad-deċiżjonijiet appellati, li s-sinjali jiddeskrivu direttament, minn tal-inqas f'għajnejn il-pubbliku Ċiprijott, it-tip u l-oriġini ġeografika tal-ġobon.

42 Sussegwentement, kif jenfasizza l-UASI, ir-rifjut tat-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni huwa bbażat fuq il-karattru deskrittiv tat-trade marks individwali u mhux fuq il-kriterji marbuta mat-trade marks ta' ċertifikazzjoni.

43 Minn dan isegwi li l-fatt li r-rikorrenti hija proprjetarja tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni identiċi mis-sena 1992 ma għandux impatt fuq il-karattru deskrittiv tas-sinjali inkwistjoni.

44 F'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat l-argument tar-rikorrenti skont liema, essenzjalment, l-eżistenza tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni mis-sena 1992 biddlet il-perċezzjoni tal-konsumaturi Ċiprijotti tas-sinjali inkwistjoni f'sens li tmur lil hinn mis-sempliċi karattru deskrittiv tal-prodotti kkonċernati. Dawn minn issa 'il quddiem ser jikkunsidraw is-sinjali bħala li jiggarantixxu l-osservanza tal-istandards kollha speċifikati stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet.

45 Dan l-argument huwa bla effett. Fil-fatt, il-kriterji invokati mir-rikorrenti, marbuta mal-oriġini ġeografika tal-prodott, man-natura tiegħu u mal-karatteristiċi tiegħu huma dawk inerenti għat-trade marks ta' ċertifikazzjoni. Dawn ma jistgħux jintużaw sabiex juru li l-konsumatur Ċiprijott ma jqisx is-sinjali inkwistjoni – li huma s-suġġett tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni bħala trade marks individwali – bħala li jiddeskrivu l-prodotti kkonċernati.

46 Għalhekk, anki jekk jiġi preżunt li ċerti konsumaturi Ċiprijotti jqisu għal ħafna snin li s-sinjali inkwistjoni huma trade marks ta' ċertifikazzjoni li jiggarantixxu l-osservanza tar-rekwiżiti legali speċifiċi kollha, din il-perċezzjoni ma tinfluwenzax il-karattru deskrittiv, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, tat-trade marks inkwistjoni f'għajnejn dawn il-konsumaturi, lanqas, *a fortiori*, f'għajnejn il-konsumaturi l-oħra, li ma jagħmlux il-konnessjoni mat-trade mark ta' ċertifikazzjoni.

47 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-approċċ tal-Bord tal-Appell iwassal sabiex jitqies li t-trade marks ta' ċertifikazzjoni kollha, min-natura tagħhom stess, għandhom jiġu esklużi. Skontha, huwa biss fil-każ fejn it-trade mark tikkonsisti biss f'informazzjoni banali li tindika direttament u esklużivament il-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi li hija ma tistax tiġi rreġistrata bħala trade mark Komunitarja. Hija tirreferi, bħala eżempju, b'mod partikolari, għall-espressjoni "100 % ċanga".

48 Kif ġustament jenfasizza l-UASI, l-approċċ tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa', minħabba l-fatt li huwa jikkorrispondi għal definizzjoni restrittiva tal-kunċett tal-karattru deskrittiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(c), tar-Regolament Nru 207/2009.

49 Għandu jiġi osservat li l-kriterji li tibbaża fuqhom ir-rikorrenti sabiex issostni li s-sinjali inkwistjoni huma, b'differenza mill-espressjoni "100 % ċanga", iktar minn informazzjoni banali li tindika direttament u esklużivament il-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi, huma dawk tat-trade mark ta' ċertifikazzjoni, li huma speċifikament deskrittivi, peress li huma marbuta mal-oriġini ġeografika tal-prodott, man-natura tiegħu u mal-karatteristiċi tiegħu.

50 Għaldaqstant, it-tieni ilment għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq l-assenza tal-interess pubbliku li jħalli disponibbli t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni

51 Ir-rikorrenti ssostni li ma jeżistix interess pubbliku li jiġġustifika l-fatt li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jitħallew disponibbli għall-użu minn terzi. Hija tfakkar li r-raġunijiet għal rifjut tar-reġistrazzjoni elenkati fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009 għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-interess ġenerali wara kull waħda minnhom. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għas-sentenza tal-4 ta' Mejju 1999, Windsurfing Chiemsee (C-108/97 u C-109/97, Ġabra, EU:C:1999:230, punti 29 sa 30), li, skontha, stabbilixxiet b'mod ċar li l-interess pubbliku huwa l-pedament tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009. Hija għalhekk tqis li l-Bord tal-Appell kellu jistaqsi jekk kienx raġonevoli li jiġi preżunt li terzi jixtiequ jużaw it-trade mark fil-futur. Issa, hija tosserva li l-unika raġuni li minħabba fiha l-kummerċjanti jixtiequ jużaw it-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni mingħajr ma josservaw l-istandards imposti mit-trade marks ta' ċertifikazzjoni hija dik li jqarrqu bil-pubbliku. Għalhekk ma jeżistix l-interess pubbliku sa fejn il-kummerċjanti jkunu jistgħu jiddeskrivu b'ingann il-prodotti tagħhom. Min-naħa l-oħra, jeżisti interess pubbliku maġġuri għall-protezzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni. Hija żżid li

r-reġistrazzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni ma twassalx għall-abbuż u lanqas ma tiffaċilita r-reġistrazzjoni tat-trade marks deskrittivi, peress li dawn tal-aħħar la għandhom "il-kwalitajiet" u lanqas ma għandhom ir-reputazzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni.

52 L-UASI jikkontesta dawn l-argumenti.

53 Għandu jitfakkar li l-kunċett ta' interess ġenerali, li fuqu huwa msejjes l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, jirrikjedi li s-sinjali jew indikazzjonijiet li, fil-kummerċ, jistgħu jservu sabiex jindikaw karatteristiċi ta' prodotti jew servizzi li għalihom saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, jistgħu jintużaw liberament minn kulħadd. Din id-dispożizzjoni tipprojbixxi li dawn is-sinjali jew indikazzjonijiet jiġu rriżervati għal impriża waħda minħabba r-reġistrazzjoni tagħhom bħala trade mark (sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2003, UASI vs Wrigley, C-191/01 P, Ġabra, EU:C:2003:579, punt 31, u tat-12 ta' Jannar 2006, Deutsche SiSi-Werke vs UASI, C-173/04 P, Ġabra, EU:C:2006:20, punt 62) u li impriża timmonopolizza l-użu ta' terminu deskrittiv, b'detriment għall-impriżi oħra, inklużi l-kompetituri tagħha, li l-portata tal-vokabularju disponibbli għalihom sabiex jiddeskrivu l-prodotti tagħhom tkun ridotta [sentenzi tas-6 ta' Marzu 2007, Golf USA vs UASI (GOLF USA), T-230/05, EU:T:2007:76, punt 32, u tat-30 ta' April 2013, ABC-One vs UASI (SLIM BELLY), T-61/12, EU:T:2013:226, punt 18].

54 F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni, minn naħa, li l-Bord tal-Appell kellu l-obbligu li jistaqsi jekk kienx hemm interess pubbliku li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jitħallew disponibbli għal użu minn terzi, ħaġa li huwa ma għamilx. Hija ssostni, minn naħa, li, fil-każ ineżami, ir-risposta għal din id-domanda hija li ma jeżistix interess pubbliku li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jitħallew disponibbli. Dawn l-argumenti ma jistgħux jintlaqgħu.

55 Fil-fatt, jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 iktar 'il fuq li l-interess ġenerali jew l-interess pubbliku li t-trade marks deskrittivi jitħallew disponibbli għal użu minn terzi huwa stabbilit minn qabel u preżunt. Minn dan isegwi li, meta trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni tkun deskrittiva, huwa biżżejjed li l-Bord tal-Appell jikkonstata l-imsemmi karattru deskrittiv mingħajr ma jkollu jivverifika l-kwistjoni dwar jekk, minkejja l-karattru deskrittiv tagħha, fil-fatt, jeżisti interess pubbliku li t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni titħalla disponibbli għal użu minn terzi. Għalhekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu biss jiġi eżaminat, abbażi tat-tifsira mogħtija lis-sinjal verbali inkwistjoni, jekk teżistix, mill-perspettiva tal-pubbliku rilevanti, konnessjoni suffiċjentement diretta u konkreta bejn is-sinjal u l-karatteristiċi tal-kategoriji tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni [sentenzi tat-3 ta' Diċembru 2003, Audi vs UASI (TDI), T-16/02, Ġabra, EU:T:2003:327 punt 29, u tat-23 ta' Ottubru 2007, BORCO-Marken-Import Matthiesen vs UASI (Caipi), T-405/04, EU:T:2007:315, punt 44]. F'dan il-kuntest, huwa wkoll utli li jitfakkar li l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 ma tiddependix mill-eżistenza ta' ħtieġa ta' disponibbiltà konkreta, attwali jew serja [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2002, Streamserve vs UASI (STREAMSERVE), T-106/00, Ġabra, EU:T:2002:43, punt 39; tad-9 ta' Frar 2010, PromoCell bioscience alive vs UASI (SupplementPack), T-113/09, EU:T:2010:34, punt 27, u tat-8 ta' Lulju 2010, Trautwein vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' żiemel), T-386/08, EU:T:2010:296, punt 45].

56 Fil-każ ineżami, kif inhuwa osservat fil-paragrafi 18 sa 29 iktar 'il fuq, l-eżistenza ta' konnessjoni diretta u konkreta bejn it-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u l-karatteristiċi tal-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienet stabbilita b'mod suffiċjenti mid-deċiżjonijiet appellati.

57 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni, mingħajr ebda riżultat, li l-ammissjoni ta' interess pubbliku li tiġġustifika li jinżammu disponibbli t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni twassal sabiex xi kummerċjanti jkunu jistgħu jużawhom mingħajr ma josservaw l-istandards imposti mit-trade marks ta' ċertifikazzjoni u jingannaw lill-pubbliku.

58 Fil-fatt, kif ġustament josserva l-UASI, il-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu futur tat-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew ir-riskji eventwali li jirriżultaw minnhom ma humiex rilevanti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-karattru deskrittiv tal-imsemmija trade marks.

59 Fl-aħħar nett, il-fatt li l-istituzzjonijiet tad-dritt Ewropew esprimew ruħhom favur protezzjoni neċessarja tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni ma għandux impatt fuq id-deċiżjoni fil-każ ineżami. Fil-fatt, hemm lok li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell għandha tiġi evalwata biss abbażi tar-Regolament Nru 207/2009, kif interpretat mill-qorti tal-Unjoni (sentenzi tal-15 ta' Settembru 2005, BioID vs UASI, C-37/03 P, Ġabra, EU:C:2005:547, punt 47; Deutsche SiSi-Werke vs UASI, punt 53 iktar 'il fuq, EU:C:2006:20, punt 48, u PAPERLAB, punt 14 iktar 'il fuq, EU:T:2005:247, punt 39). Issa, il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-trade mark Komunitarja ma tipprovdix speċifikament għall-possibbiltà li jiġu rreġistrati t-trade marks ta' ċertifikazzjoni.

60 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, it-tielet ilment għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' ilment, ibbażat fuq ir-reġistrazzjoni tat-trade marks ta' ċertifikazzjoni bħala trade marks Komunitarji

61 Ir-rikorrenti tqis li l-Bord tal-Appell ma kienx koerenti meta aċċetta li jiġu rreġistrati bħala trade marks Komunitarji ordinarji trade marks ta' ċertifikazzjoni bħal FREEDOM FOOD, ENERGY STAR, FAIRTRADE jew UNDERWRITERS LABORATORIES. Hija essenzjalment tikkritika li huwa ma spjegax il-motiv li minħabba fih ir-raġuni għal rifjut li ma kinitx tqajmet kontra dawn it-trade marks ġiet invokata kontra t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

62 L-UASI jikkontesta dawn l-argumenti.

63 Fir-rigward tad-deċiżjonijiet preċedenti tal-UASI, huwa biżżejjed jitfakkar li, anki jekk ir-raġunijiet ta' fatt jew ta' dritt li jissemmew fid-deċiżjoni preċedenti tal-UASI jistgħu jikkostitwixxu argumenti insostenn tal-motiv ibbażat fuq il-ksur ta' dispożizzjoni tar-Regolament Nru 207/2009, id-deċiżjonijiet li l-Bordijiet tal-Appell iridu jieħdu, skont dan ir-regolament dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark Komunitarja, jaqgħu taħt l-eżerċizzju tal-kompetenza limitata u mhux ta' setgħa diskrezzjonali. Għaldaqstant, il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell għandha tiġi evalwata biss abbażi ta' dan ir-regolament, kif interpretat mill-qorti tal-Unjoni, u mhux abbażi ta' prassi deċiżjonali preċedenti tagħhom (sentenzi BioID vs UASI, punt 59 iktar 'il fuq, EU:C:2005:547, punt 47; Deutsche SiSi-Werke vs UASI, punt 53 iktar 'il fuq, EU:C:2006:20, punt 48, u PAPERLAB, punt 14 iktar 'il fuq, EU:T:2005:247, punt 39). Madankollu, xejn ma jipprekludi evidentement li l-qorti tal-Unjoni tapprova u tkompli timxi fuq xi argumenti żviluppati fil-prassi deċiżjonali tal-UASI.

64 Jeżistu fil-fatt żewġ ipotesijiet. Jekk, billi jkun aċċetta, f'kawża preċedenti, li sinjal għandu karattru li jippermettilu li jiġi rreġistrat bħala trade mark Komunitarja, il-Bord tal-Appell ikun implementa b'mod korrett id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 207/2009 u, f'kawża sussegwenti, komparabbli mal-ewwel waħda, il-Bord tal-Appell wasal għal deċiżjoni kuntrarja, il-qorti tal-Unjoni tkun obbligata li tannulla din l-aħħar deċiżjoni minħabba ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 207/2009. Għaldaqstant, f'din l-ewwel ipotesi, il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni huwa mingħajr effett (sentenza STREAMSERVE, punt 55 iktar 'il fuq, EU:T:2002:43, punt 67).

65 Min-naħa l-oħra, jekk, f'kawża preċedenti fejn jiġi aċċettat li sinjal għandu karattru li jippermettilu li jiġi rreġistrat bħala trade mark Komunitarja, il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' dritt, u li, f'kawża sussegwenti, simili għall-ewwel waħda, il-Bord tal-Appell wasal għal deċiżjoni kuntrarja, l-ewwel deċiżjoni ma tkunx tista' tiġi invokata b'mod utli b'sostenn għal talba għall-annullament ta' din l-aħħar deċiżjoni. Fil-fatt, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament jista' jiġi invokat biss fil-kuntest tal-osservanza tal-legalità (sentenzi tat-13 ta' Lulju 1972, Besnard *et* vs Il-Kummissjoni, 55/71 sa 76/71, 86/71, 87/71 u 95/71, Ġabra, EU:C:1972:66, punt 39, u tat-28 ta' Settembru 1993, Magdalena Fernández vs Il-Kummissjoni, T-90/92, Ġabra, EU:T:1993:78, punt 38), u li ebda persuna ma tista' tinvoka favur tagħha illegalità mwettqa favur ħaddieħor (sentenza tad-9 ta' Ottubru 1984, Witte vs Il-Parlament, 188/83, Ġabra, EU:C:1984:309, punt 15). Għaldaqstant, f'din it-tieni ipotesi, ir-raġuni bbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni hija wkoll mingħajr effett (sentenza STREAMSERVE, punt 55 iktar 'il fuq, EU:T:2002:43, punt 67).

66 Issa, kif jirriżulta mill-analiżi ta' dan il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(c) u b'mod partikolari mill-punti 13 sa 29 iktar 'il fuq, il-Bord tal-Appell ġustament ikkonkluda li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma setgħux jiġu rreġistrati peress li kienu deskrittivi tal-prodotti kkonċernati.

67 Għaldaqstant, ir-raba' ilment għandu jiġi miċħud.

Fuq il-ħames ilment, ibbażat fuq il-preġudizzju għall-protezzjoni tat-trade marks nazzjonali

68 Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjonijiet appellati tal-Bord tal-Appell ikollhom bħala effett li jdgħajfu l-protezzjoni tat-trade marks nazzjonali. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li t-trade marks nazzjonali, inkluż it-trade marks ta' ċertifikazzjoni, jistgħu jiġu invokati fil-kuntest ta' proċedura li tirrigwarda t-trade marks Komunitarji. Id-deċiżjonijiet appellati jkollhom bħala effett li ma jagħtu lil dawn it-trade marks l-ebda karattru distintiv u, għalhekk, l-ebda protezzjoni skont l-Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 207/2009. F'dan il-kuntest, hija tirreferi għas-sentenza Formula One Licensing vs UASI, punt 27 iktar 'il fuq (EU:C:2012:314, punti 42 sa 47), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, sabiex ma jinkisirx l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, irid jiġi rikonoxxut ċertu livell ta' karattru distintiv lit-trade mark nazzjonali invokata insostenn tal-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja.

69 Kif osserva l-UASI, hemm lok li l-argumenti tar-rikorrenti jitqiesu bħala kompletament irrilevanti. Fil-fatt, ir-raġunament tal-Bord tal-Appell seħħ fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami tar-raġunijiet assoluti għal rifjut fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009 u mhux fil-kuntest ta' proċedura *inter partes*.

70 Il-fatt li l-Bord tal-Appell irrifjuta r-reġistrazzjoni tat-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala trade marks Komunitarji minħabba fl-eżistenza ta' raġuni assoluta għal rifjut ma jimplikax madankollu li din l-istanza tal-UASI ma tirrikonoxxi l-ebda karattru distintiv ta' dawn l-istess sinjali fil-każ fejn huma kienu preċedentement irreġistrati bħala trade marks nazzjonali u invokati fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni. F'dan ir-rigward, is-sentenza Formula One Licensing vs UASI, punt 27 iktar il fuq (EU:C:2012:314), tirrigwarda proċedura *inter partes* u hija għalhekk kompletament irrilevanti fil-każ ineżami.

71 Kif josserva l-UASI, ir-rikorrenti ma ġabitx prova li l-Bord tal-Appell applika, fil-kuntest tal-proċedura intiża li tikkonstata raġuni assoluta għal rifjut, kriterji ta' evalwazzjoni li jistgħu jippreġudikaw il-protezzjoni tat-trade marks nazzjonali ta' ċertifikazzjoni.

72 Għalhekk, il-ħames ilment għandu jiġi miċħud.

73 Minn dak kollu li ntqal preċedentement jirriżulta li l-argument tar-rikorrenti relatat mal-ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 għandu jiġi miċħud bħala infondat.

74 Għal dak li jikkonċerna l-kwistjoni tal-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 207/2009, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009, huwa biżżejjed li waħda mir-raġunijiet assoluti għal rifjut tapplika sabiex is-sinjal ikkontestat ma jkunx jista' jiġi rreġistrat bħala trade mark Komunitarja (ara s-sentenza WEISSE SEITEN, punt 16 iktar 'il fuq, EU:T:2006:87, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Konsegwentement, peress li mill-eżami tal-argumenti tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 irriżulta li l-Bord tal-Appell kien ikkonkluda ġustament li t-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienu deskrittivi tal-prodotti kkonċernati u li din ir-raġuni waħidha kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika r-rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade marks li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ma huwiex neċessarju, fi kwalunkwe każ, li tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, li għaliha barra minn hekk ir-rikorrenti ma tiżviluppa l-ebda argument speċifiku.

76 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-rikors għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

77 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress illi r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi ordnata tbati l-ispejjeż tal-UASI, kif mitlub minn dan ta' l-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika ta' Ċipru għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

Prek Labucka Kreuschitz

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Ottubru 2015.

Firem